V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI 2010 – EAC/41/09

Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja

(2009/C 247/09)

1. Għanijiet u deskrizzjoni

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-15 ta' Novembru 2006 (id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE) [1]. Il-programm ikopri l-perjodu bejn l-2007 u l-2013. L-għanijiet speċifiċi tal-programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja huma elenkati fl-Artikolu 1.3 tad-Deċiżjoni.

2. Eliġibbiltà

Il-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja japplika għat-tipi u l-livelli kollha ta' edukazzjoni u taħriġ u edukazzjoni vokazzjonali u huwa aċċessibbli għall-entitajiet kollha elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni.

L-applikanti jridu jkunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin [2]:

— is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,

— il-pajjiżi tal-EFTA-ŻEE: l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja,

— Pajjiżi kandidati: it-Turkija.

Flimkien ma' dan:

Applikanti mill-Kroazja u mill-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huma eliġibbli għall-azzjonijiet li ġejjin:

— Paternarjati permezz ta' Comenius, Grundtvig u Leonardo da Vinci,

— Taħriġ fuq il-post tax-xogħol permezz ta' Comenius u Grundtvig,

— Mobbiltà permezz ta' Leonardo da Vinci,

— Żjarat u skambji permezz ta' Grundtvig,

— Mobbiltà għall-istudenti biex jistudjaw permezz ta' Erasmus,

---

[1] Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja http://eur-lex.europa.eu/lex/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:327:0045:0068:EN:PDF u d-Deċiżjoni Nru 1357/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE. http://eur-lex.europa.eu/lex/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:350:0056:0057:EN:PDF

[2] Għajr għall-programm Jean Monnet li huwa miftuħ għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla fid-dinja kollha.

— Mobbiltà tal-istaff permezz ta' Erasmus;,

— Żjarat preparatorji fil-programmi sezzjonali kollha, u

— Żjarat ta' studji fl-Attività Prinċipali Nru 1 tal-Programm Transversali.

Jekk jogħġbok innota li taħt is-Sejħa attwali, il-mobbiltà individwali minn pajjiżi oħra li qed jieħdu sehem fil-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja għall-Kroazja u l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ma tistax tkun iffinanzjata mill-fondi tal-programm.

F'konformità mal-Artikolu 14(2) tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja, il-proġetti multilaterali u n-netwerks f'Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci, Grundtvig u l-Attività Prinċipali Nru 1 tal-Programm Transversali huma miftuħa wkoll għal msieħba minn pajjiżi terzi li ma jieħdux sehem diġà fil-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja abbażi tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni. Jekk jogħġbok irreferi għall-Gwida tal-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja għad-dettalji kkonċernati u r-regoli tal-parteċipazzjoni.

3. **Baġit u Tul tal-proġetti**

Il-baġit totali allokat għal din is-sejħa huwa stmat għal EUR 1 016 miljun. Barra minn hekk, baġit totali smat ta' EUR 1,9 miljun huwa destinati għall-parteċipazzjoni tal-Kroazja u EUR 1,1 miljun huma destinati għall-parteċipazzjoni tal-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Il-livell ta' għotjiet mogħtija kif ukoll it-tul tal-proġetti jvarjaw skont fatturi bħalma huma t-tip ta' proġett u l-għadd ta' pajjiżi involuti.

4. **Id-data ta' għeluq għall-applikazzjonijiet**

Id-dati ta' għeluq ewlenin huma kif ġej:

Comenius, Grundtvig: **Taħriġ fuq il-post tax-xogħol**	— l-ewwel skadenza: 15 ta' Jannar 2010 — skadenzi oħrajn: 30 ta' April 2010 15 ta' Settembru 2010
Assistentati Comenius	29 ta' Jannar 2010
Leonardo da Vinci: **Mobbiltà** (inkluż ċ-ċertifikat tal-mobbiltà ta' Leonardo da Vinci) Erasmus: **Korsijiet Intensivi tal-Lingwa Erasmus (EILC);**	5 ta' Frar 2010
Il-Programm Jean Monnet	12 ta' Frar 2010
Comenius, Leonardo da Vinci, Grundtvig: **Paternarjati**; Comenius: **Il-Partenarjati Comenius Regio**: Grundtvig: **Workshops**	19 ta' Frar 2010
Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci, Grundtvig: **Proġetti multilaterali, Netwerks u Miżuri li Jakkumpanjawhom**	26 ta' Frar 2010
Leonardo da Vinci: **Trasferiment ta' Proġetti multilaterali ta' innovazzjoni il-proġetti**	26 ta' Frar 2010
Erasmus: **Programmi Intensivi** (IP), **Mobbiltà tal-istudenti għal studji u *placements*** (inkluż iċ-ċertifikat tal-*placement* tal-consortium Erasmus) u **Mobbiltà tal-istaff** (inkarigi ta' tagħlim u taħriġ tal-istaff)	12 ta' Marzu 2010
Grundtvig: **Assistentati, Proġetti ta' Volontarjat mal-Anzjani**	31 ta' Marzu 2010
Programm Trasversali	31 ta' Marzu 2010
Programm Trasversali: **Attività prinċipali Nru 1 – Żjarat ta' studju**	— l-ewwel skadenza: 31 ta' Marzu 2010 — It-tieni skadenza: 15 ta' Ottubru 2010

Għaż-**Żjarat u l-Iskambji** tal-Grundtvig u għaż-**Żjarat Preparatorji** fil-programmi sezzjonali kollha hemm dati ta' skadenza diversi speċifiċi għal kull pajjiż. Jekk jogħġbok irreferi għall-websjat tal-Aġenzija Nazzjonali relevanti f'pajjiżek.

5. **Id-dettalji kollha**

It-test kollu tas-"Sejħa Ġenerali għall-Proposti għall-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2008-2010: aġġornament 2010 Prijoritajiet Strateġiċi", flimkien mal-"Gwida tal-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2010" u l-formoli ta' applikazzjoni, jinsabu fuq l-indirizz tal-Internet: http://ec.europa.eu/llp

L-applikazzjonijiet iridu jkunu konformi mat-termini kollha tat-test sħiħ tas-Sejħa u jridu jintbagħtu fil-formoli pprovduti.